MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72

[Nhar it-Tliera 19 ta' Frar 2019]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fis-sala ta' San Albert li jinsab fl-indirizz 'Buontempo Mansions', triq San Albert, il-Gżira, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

72.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba mingħand il-kunsilliera Graziella Attard Previ sabiex tkun skużata minħabbar raġunijiet ta' saħħa. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv approvaw li tkun skużata.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku kien bagħat illi se jkun tard minħabba impenji oħra.

## 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

72.2.1 B'referenza għal punt 71.2.1 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istreet naming committee ma qablux mat-talba tal-Kunsill. Kien hemm diskussjoni fuq is-suġġett fejn il-Kunsill baqa ma qabilx mall-istreet naming committe.

72.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal kien hemm wieħed biss li tefa bid għall-Multi Sensor Room għall-prezz ta' €5,800. Il-Kunsill qabel.

72.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bankini kollha saru, kif ukoll it-tindif ta' triq Giacint Tua c/w Luqa Briffa. Is-Sindku ppropona li nagħmlu triq Moroni li jmiss. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm bzonn applikazzjoni għall-fondi tal-UIF peress illi se jkun hemm spejjez ikbar minħabba t-tul tat-triq.

72.2.4 Is-Sindku qal illi ma ħabbrux il-ġurnata tal-Bord tal-Planning rigward il-Proġett ta' Manoel Island. Saret diskussjoni fuq il-proġett u fuq il-proposti tal-grupp Inħobbu l-Gżira.

Is-Sindku qal illi dawn iridu jagħmlu park għall-pubbliku biss izda li wieħed għandu jifhem illi l-MIDI għandom dritt legali biex jibnu. Żied illi hemm Local Plan u r-roundabout qegħda hemm. Hemm liġi marbuta u ilha in vigore minn 2006. Is-Sindku fakkar illi kulħadd kien mistieden biex jara l-Masterplan il-ġdida u li kulħadd kien qabel magħha wara l-laqgħa li nzammet fl-uffiċini tal-MIDI. Żied illi jekk imorru lura għall-Masterplan ta' 1994, se nispiċċaw agħar milli qegħdin issa.

Il-kunsillier Wayne Hewitt qal ukoll illi kull kunsillier kien attenda għal-laqgħa li nżammet ġewwa l-uffiċini tal-MIDI. Qal illi hemm ħafna tgergir minħabba l-waste li se jkun izda fakkar illi fil-laqgħa kienu qalulna li meta jħaffru l-parkeġġ taħt l-art, se juzaw l-istess art bħala land reclamation. Żied ukoll illi meta għamlu display taħt it-tinda fix-xitwa, il-kunsilliera kienu preżenti izda ftit li xejn marru nies biex jaraw il-proġett. B'hekk in-nies kellom l-opportunita biex ikunu avzati fuq il-proġett anka fil-passat. Għalaq il-punt tiegħu fejn qal illi hemm bzonn nagħtu izjed informazzjoni fuq il-Fondazzjoni. Qal illi din hija xi ħaġa unika u n-nies għandom ikunu jafu xi tfisser.

Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm ħafna ilmenti minħabba l-veduti li se jintilfu mingħand dawk illi joqogħdu x-Xatt. Qal ukoll illi avolja jridu park in-nies, u ħadd ma jieħu pjaċir meta ssir il-bini ħdejhom, il-MIDI għandom id-dritt biex jibnu

72.2.5 Il-Minuti ġew approvati

## 72.3 Korrespondenza mas-Sindku

72.3.1 Dr. Woods: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara l-irbaħna l-każ [triq Antonio Sammut], il-Kunsill għandu jirċievi l-ammont ta' €1,423.43 bħala spejjez legali.

**Il-Viċi Sindku daħal fis-6.30pm**

72.3.2 GDPR: Il-Kunsill m'approvax illi nixtru tool kit tal-GDPR għax ma qablux li hemm bzonn jintefqu flus fuqha.

72.3.3 Kumitat Festi: Il-Kunsill approva x-xiri ta' materjal li jistgħu juzaw tal-Kumitat Esterni meta għandom bzonn.

## 72.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

72.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 72.5 Rapporti

72.5.1 **Bank releases**: Il-bank releases ġew approvati.

72.5.2 **Kumpens:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi persuna talab għal kumpens wara li ġarab ħsarat fuq il-karozza meta baqa dieħel ġo ħofra fix-xita. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mall-avukat u anka ma tal-insurance biex jiddiskutu dawn l-affarijiet fejn intqal illi l-Kunsill għandu jieħu ħsieb il-manutenzjoni tat-toroq izda li fl-istess ħin m'għandux kontroll fuq ħsarat minħabba forzi tan-natura. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi kien qiegħed fuq il-post dakinhar u li ra karozzi deħlin ġol-pothole. Il-Kunsill approva li dan il-każ jista jkun ġenwin u li għandu jitħallas.

72.5.3 **Attivitajiet**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-lista t'affarijiet għal matul il-sena għall-approvazzjoni. Qal illi hemm l-istess lista li ġiet ippreżentata waqt l-aħħar laqgħa. Il-kunsill qabel illi jsiru.

72.5.4 **Hoardings:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għall-kuntrarju tal-aġenda, hemm talbiet għall-hoardings u mhux għat-Tower Crane. Il-Kunsill approva li ssir haording ġewwa triq Reid fejn se jintilfu l-parkings barra t-Tipbet għal ftit zmien. Dan minħabba raġunijiet ta' sigurta. Qablu wkoll li ssur hoarding ġewwa Rue D'Argens barra l-grawnd tal-futbol. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat il-pjanti lil TM għall-approvazzjoni.
Fuq il-punt tal-hoarding ta Rue D'Argens, il-kunsillier Wayne Hewitt għamel appell biex nibagħtu lil OHSA qabel ma jsir xogħol ta' *chasing* minħabba l-biża ta' ċerti residenti li jista jkun hemm

asbestos. Il-kunsilliera l-oħra qalu li ilhom li bdew bix-xogħolijiet hemmhekk. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi affarijiet bħal dawn għandom jiġu rraportati mill-ewwel biex nevitaw perikli.

72.5.5 **Gzira Day**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn nibdew nippjanaw għal Jum il-Gżira. Qal illi qabel il-laqgħa li jmiss għandu bzonn jirċievi l-ismijiet ta' nies li se jkunu fuq il-bord tal-għażla. Hemm bzonn ukoll *reserves* f'każ illi membri jkollom konflitt t'interess skond min jiġi nominat.

72.5.6 **Financial Statements**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi, sfortunatament, ma jistax jippreżenta l-Financial Statements għax għadom ma waslux għandu.

## 72.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

72.6.1 Ma kien hemm l-ebda item oħra.

## 72.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

72.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 72.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

72.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għad- 19 ta' Marzu fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 19 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |